



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 9 ta' Ġunju 2023
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0095(COD)**

9308/23
ADD 1

LIMITE

**PROCIV 29
JAI 605
COHAFA 52
FIN 526
CODEC 844
CADREFIN 62**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Nru dok. Cion:	8322/23
Suġġett:	Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili - <i>Approċċ Ġenerali</i> - <i>Dikjarazzjoni</i>

Dikjarazzjoni mill-Kunsill

Il-Kunsill jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni tal-14 ta' April 2023 biex tiġi emendata d-Deċiżjoni 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (id-Deċiżjoni).

Il-Kunsill jappoġġa bis-shiġh l-oġġettiv tal-estenzjoni tal-perjodu tranżizzjonali msemmi fl-Artikolu 35 tad-Deċiżjoni biex jiġi żgurat li l-Unjoni tkun tista' tkompli ttipprovdi appoġġ ta' emerġenza lill-Istati Membri fil-ġlieda kontra n-nirien fil-foresti permezz tal-kapaċitajiet żviluppati fil-qafas tat-"tranżizzjoni rescEU", sakemm issir disponibbli l-flotta Ewropea permanenti tat-tifi tan-nar fil-foresti.

Il-Kunsill jinnota bi tħassib ir-riskju dejjem jikber ta' nirien fil-foresti fl-Unjoni u l-iżvilupp li n-nirien fil-foresti qed isiru aktar frekwenti u intensi bħala riżultat ta' temperaturi li qed jogħlew u perjodi twal ta' nixfa. Minħabba l-impatt tat-tibdil fil-klima, din ix-xejra hija mistennija li tkompli fis-snin li ġejjin.

Fid-dawl ta' dan, il-Kunsill jissottolinja l-urġenza u l-importanza tal-modifika proposta tad-Deċiżjoni, biex jiġi żgurat li, permezz tat-"tranżizzjoni rescEU", ikunu disponibbli malajr lil hinn mill-istaġun tan-nirien fil-foresti tal-2024 kapaċitajiet suffiċjenti ta' tifi tan-nar mill-ajru. Dan jeħtieġ l-adozzjoni rapida tal-emenda għad-Deċiżjoni, fi kwalunkwe każ qabel tmiem il-leġiżlatura attwali.

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kunsill iddeċieda li jallinja l-pożizzjoni tiegħu ma' dik tal-proposta tal-Kummissjoni u għandu l-għan li jemenda biss l-Artikolu 35 tad-Deċiżjoni.

Il-Kunsill huwa impenjat bis-shiġh għal konklużjoni rapida tan-negozjati leġiżlattivi fuq din il-bażi, u jappella lill-Parlament Ewropew biex jieħu approċċ kompatibbli.